# 8: L-Għasri fl-Istampa s-seklu l-ieħor 1901 - 2000

*tagħrif miġbur minn Toni Calleja*

**Daħla**

L-istorja tal-bankijiet fil-pjazez tar-rħula Għawdxin mhix antika ħafna. Fi tweġiba għall-P.Q. fil-Kunsill tal-Gvern f'Lulju 1946, bis-suġġett il-"Bankijiet fil-pjazez", il-Ministru responsabbli wieġeb li: "Il-kwistjoni tat-tiswija tal-bankijiet fil-Pjazza tat-Tokk, Victoria, qiegħda tiġi kkunsidrata. Il-pjazez prinċipali tal-bliet u l-irħula ta' Malta u Għawdex m'għandhomx bankijiet".

Fl-Għasri l-ewwel żewġ bankijiet, dawk ta' mal-Awrikarja ta' nofs il-pjazza, saru ċirka l-1950 u kienu tat-tip li qed jidher f'dil-karikatura ta' A. Gerada (1895-1968), riprodotta mill-ġurnal 'il-Berka' ta' kmieni t-tieni nofs tas-seklu għoxrin. Dawn iż-żewġ bankijiet damu l-uniċi fl-Għasri għal bosta żmien, biss kmieni fit-tmeninijiet saru tlieta oħra, wieħed fuq kull ġenb tal-pjazza. Fl-istess żmien saru tnejn oħra Wara ta' Għammar. Il-bankijiet ta' ħdejn tal-Patroċinju, ta' Triq Tamar, u ta' quddiem is-Supermarket saru b'ħidmet il-Kunsill Lokali f'ċirka l-qalba tas-seklu.

Minn żmien għal żmien, fl-istampa lokali kienu jidhru ittri minn Għasrin biex jilmentaw min-nuqqas ta' bankijiet pubbliċi, l-aktar fil-pjazza tar-raħal. Uħud minnhom huma dawn li qed nirriproduċu faċċata.



## ILMENTI MILL-GĦASRI

Għasri, Għawdex.

Sur Editur,

Meta sejra titneħħa din l-għajn tal-ilma li hawn fil-pjazza tal-knisja tal-Għasri? Issa la ma fihiex ilma qiegħda biex isservi ta' ingombru, nittamaw li titneħħa malajr kemm jista' jkun. **U meta se jkomplu jitwaħħlu bankijiet fil-pjazza tal-knisja? Għaliex il-pjazza tagħna ma għandhiex ikollha bankijet bħal pajjiżi oħra?**

Ilna ħafna wkoll inħambqu għal żewġ globi quddiem il-knisja parrokkjali u s'issa bqajna bit-tħambiq. Kollox għalxejn li tħambaq. Min hu inkarigat u jrid jimxi sew-wa għandu jieħu ħsiebna wkoll u jagħtina dak li nitolbu għaliex aħna bħal ta' rħula oħra qegħdin inħallsu t-taxxi.

Inħobb is-Sewwa.

**(*Il-Berqa*, 27 Nov 1967, p. 5)**

---

## RAĦAL MINSI

Għasri, Għawdex.

Sur Editur,

**Meta sejrin jitwaħħlu bankijiet fil-pjazza tal-Għasri? Kull ma għandna fil-pjazza huma żewġ bankijiet biss; għaliex ma għandniex iżjed bħalma għandhom irħula oħra?**

**Dawk in-nies li jkunu qegħdin jistennew il-karrozza jkollhom fuqhiex joqogħdu bil-qiegħda; dan il-bżonn għandu jsir malajr kemm jista' jkun minn min hu inkarigat.**

Nixtiequ wkoll li jitħawlu siġar fit-triq tal-purċissjoni, fit-Triq *Light House* fejn hemm wiesa' ħafna u fl-istess ħin tissebbaħ ħafna t-triq; ma nafx kif ħadd ma jagħti kas ta' dawn l-affarijiet. Irridu t-turisti jiġu ġo gżiritna mingħajr qatt ma nagħtu kas ta' xejn, għandna dejjem nippruvaw nirranġaw; imbagħad speċjalment ir-raħal tagħna hu abbandunat għal kollox. Nittamaw li dawn is-siġar jitħawlu ma jdumux, lanqas is-siġar tat-triq il-ġdida għadhom ma tħawlu. Nixtiequ naraw ir-raħal tagħna jissebbaħ iktar b'dawn is-siġar.

Inħobb is-Sew.

**(*Il-Berqa*, 3 Jan 1968, p. 5)**

## LAMPI TAD-DAWL FL-GĦASRI

L-Għasri, Għawdex.

Sur Editur,

Meta se jittieħdu passi meħtieġa u jitwaħħlu bozoz moderni u mhux dawk l-imsiebaħ li għandna fid-dawra tal-purċissjoni fl-Għasri, Għawdex?

Hemm imsiebaħ ta' żmien in-nanniet. Għaliex ir-raħal tagħna hu minsi daqshekk?

Imbagħad fuq kollox m'aħniex nitolbu xi triq bit-*tarmac* bħalma ġa għandna ġo Għawdex. Aħna bżonn lampi sura ta' nies irridu u mhux se nibqgħu daqshekk minn tal-aħħar.

Li kienet ġejja l-elezzjoni forsi ġa ttieħdu passi u l-lampi flok imsiebaħ saru lampi sura u flok tnejn isiru ankì tnax. Nittamaw li ma nerġgħux ikollna bżonn nilmentaw, ilna biżżejjed.

Imbagħad xi ngħidu għal ġol-pjazza? **Mank fuqiex toqgħod bil-qiegħda; għamlu żewġ bankijiet biex taparsi, ara kemm nistmawkom u addio kollox!**

Min hu inkarigat għandu jkun se jibqa' fin-nagħsa ħelwa li ħa. Kellu bżonn jistembaħ u jqum fuq tiegħu u jara l-bżonnijiet tal-minsi raħal.

Nittamaw li ma jkollniex bżonn nerġgħu nilmentaw biex isiru iżjed lampi u lampi bħal ta' rħula oħra u mhux waħda l-Punent u l-oħra l-Lvant, imma viċin xulxin.

Diżordni.

**(*Il-Berqa*, 26 Mar 1968, p. 7)**

---

## BANKIJIET FI PJAZZA

Għasri – Għawdex

Sur Editur,

Nixtieq nistaqsi lill-Gvern meta se jagħmel **sitt bankijiet fil-pjazza tal-Għasri.** Forsi meta toqrob l-Elezzjoni?

Għaliex in-nies li jkunu jistennew il-karozza tal-linja għandhom joqogħdu bil-wieqfa?

Għejjejt bil-wieqfa

**(*l-Orizzont*, 9 Nov 1970, p. 6)**